

# DMV Soft Lens Handler™

## Parti li Tneħħi/Parti li Ddaħħal għal Lentijiet tal-Kuntatt Rotob

### Użu Intenzjonat

Il-handler ta' DMV Soft Lens huwa ddisinjat għal biex wieħed idaħħal u jneħħi lentijiet tal-kuntatt rotob.

### Istruzzjonijiet għall-użu

⚠ Qabel ma tużah għall-ewwel darba, naddaf it-tagħmir b'70% isopropyl alcohol u ħallieh jinxef b'mod naturali.

Tneħħija – Agħfas il-gripper pads b'mod sod man-naħa ta' quddiem tal-lenti tal-kuntatt ratba. Kun żgur li l-lenti tkun qiegħda fuq il-kornea billi tuża mera. Ġentilment agħfas il-grippers flimkien biex testratta l-lenti tal-kuntatt.

Inserzjoni – Poġġi lenti tal-kuntatt imxarrba fuq it-tarf żgħir tat-tagħmir fejn tindika l-vleġġa. Evita li l-lenti tirkeb fuq it-tarf tat-tagħmir sabiex tkun tista' tara kif qed tipprogressa minn ġol-lenti.Segwi l-istruzzjonijiet tal-fitter tal-lenti tal-kuntatt tiegħek/tal-professjonista tal-kura tal-għajnejn tiegħek.

### Tindif

Kull darba wara li tuża t-tagħmir, naddfu b'70% isopropyl alcohol u ħallieh jinxef b'mod naturali.  Aħżen it-tagħmir fil-kaxxa tiegħu wara li jinxef. Ippjana li tissostitwixxieh darba kull sitt xhur.

⚠ **Prekawzjoni:** Jekk tapplika t-tagħmir aċċidentalment mal-wiċċ tal-għajn, kemm tiġbdu lura minn mal-għajn, għax ma jkun hemm l-ebda ġbid tal-arja. Evita li tmexxi t-tagħmir fuq il-wiċċ tal-għajn.

⚠ **Attenzjoni:** Jekk jogħġbok żomm dan il-prodott 'il bogħod mil-likwidi bħal krema tal-idejn, ġells tax-xagħar, likwidu għat-tneħħija tal-verniċ tad-dwiefer u sustanzi ossidanti qawwijin.

⚠ **Attenzjoni:** Periklu ta' fgar. Żomm dan u l-apparati mediċi kollha 'l bogħod minn tfal żgħar. Dan il-prodott mhux rakkomandat biex jintuża ma' għajnejn li għandhom xi mard jew ħsara. Jekk tesperjenza irritazzjoni fl-għajnejn, indeboliment jew uġigħ fil-vista mhux tas-soltu, ikkonsulta lill-professjonista tal-kura tal-għajnejn tiegħek.

⚠ **Attenzjoni:** Għalkemm m'hemm l-ebda evidenza ta' problemi ta' allerġija b'dan il-prodott, **fih gomma naturali xotta. Ma fihx latex likwidu**, allerġen magħruf.

⚠ **TUŻAX dan it-tagħmir ma' lentijiet tal-kuntatt ibsin, li jgħaddi l-gass minnhom, sklerali jew ibridi.**

Jekk kellek kwalunkwe inċident serju b'rabta ma' dan it-tagħmir, irrappurtah lill-manifattur. Jekk inti residenti fl-UE, irrapporta l-inċident lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li inti stabbilit fih.

Dan il-prodott jippermetti lil persuni li jilbsu l-lentijiet tal-kuntatt biex idaħħlu u/jew ineħħu l-lentijiet tal-kuntatt tagħhom sabiex jużawhom skont l-iskop intenzjonat. Għalhekk dan il-prodott huwa meqjus li huwa apparat mediku.

MD Dan il-prodott huwa apparat mediku

Ipproteġi mix-xemx diretta

105°C / 220°F Taħżinx f'temperatura ogħla minn 105° C/220°F

Pazjent wieħed - użu multiplu

Aqra l-Istruzzjonijiet ghall-Użu dmvcorp.com

Data tal-Manifattura

CE

Distribution Europe:
Prolens AG, Josefstrasse 53
CH-8005, Zürich

DMV Corporation
1024 Military Road
Zanesville, Ohio 43701 - USA

EC REP

Emergo Europe
Prinsessegracht 20
2514 AP, The Hague - The Netherlands